**20 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.,**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

*Mita ikun hemm ħtija kontributorja da parti tad-danneġġat, huwa dejjem imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi il-proporzjon li fiha huwa jkkontribwixxa għall, jew kkaġuna l-ħsara li ġarrab, kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal każ.*

*Meta il ħtija ma tistax tiġi maqsuma b'ċertezza, ir-responsabilita' tiġi maqsuma ugwalment.*

Joseph Galdes

*versus*

Victor Micallef

**Danni — Ħtija Kontributorja**

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi l-konvenut huwa l-Lotto Receiver tal-Banka tal-Lotto l-Belt numru ħdax u bi traskuraġġini fid-disgħa (9) ta' Marzu, 1963, meta hu xtara u ħallsu għall-biljett tal-Lottu numru 07/DD-373084, u ċioe ambu ta' żewġ xelini (2s/-) bin-numru għoxrin (20) u tnejn (2), l-istess konvenut fuq il-matriċi ta' l-irċevuta tiegħu niżżel in-numri tlettin (30) u tnejn (2), u meta in segwitu fl-estrazzjoni ta' dik l-istess ġurnata s-Sibt (9) ta' Marżu, 1963 — telgħu dawn iż-żewġ numri, hu ma setax isarraf dan il-biljett li kien iġib miegħu rebħa ta' ħamsa u għoxrin lira (£25) — Dok. "A"; — Talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u meħuda l-provvedimenti opportuni kollha; il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għall-iżball imsemmi li huwa ħa bi traskuraġini meta fuq il-matriċi tiegħu niżżel, bi ħsara għalih, numri żbaljati kif espost, u jiġi kkundannat iħallsu in linea ta' danni s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (£25), telf ta' premju tal-Lottu hu sofra mħabba l-iżball u n-negliġenża tal-konvenut fl-esekuzzjoni tajba ta' dmirijietu bħala Lotto Receiver. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa illi l-attur ikkontribwixxa għall-iżball li ġara billi naqas mid-dover impost fuqu skond il-liġi — Regolament Numru 12 tar-Regolamenti tal-Lottu Pubbliku, 1948; illi konsegwentement id-debitu tiegħu huwa għan-nofs tas-somma mitluba li ġiet puntwalment offerta lill-attur mal-ewwel rikjam tiegħu, pero ġiet illeċitament rifjutata mill-attur li nsista li jagħmel il-kawża għas-somma totali kif prestisa.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-għoxrin (20) ta' Gunju, 1963 li biha prevja d-diklaratorja mitluba mill-at-

tur, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (£25) in linea ta' danni, bl-ispejjez wara li kkunsidrat:—

Illi l-konvenut ma jikkontestax li l-fatti li taw lok għal din il-kawza huwa kif riportati fiċ-ċitazjoni. Effettivament, il-konvenut mill-ewwel espona fid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet tiegħu illi l-fatti kif esposti mill-attur huma ammessi. Id-divergenza bejn il-kontendenti hija din. *L-attur jippretendi li l-konvenut għandu jirrispondi* għall-iżball li ha u li minħabba fih hu tilef il-premju indikat fiċ-ċitazjoni; mentri l-konvenut jallega li l-attur ikkontribwixxa għal dak l-iżball u kwindi għandu jbati parti, in-nofs, tal-perdita minnu sofferta.

Illi kif il-konvenut issottometta fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, il-ġurisprudenza prevalenti ta' dawna *l-Qrati f'kasi simili għal dan* l-ispeċji hija fis-sens li l-ġogatur għandu jiġi kunsidrat li jkun ikkontribwixxa għall-iżball li jkun ha r-riċevitur, u dan in bażi għar-regolament numru 12 tar-Regolamenti tal-Lottu Pubbliku pubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 222 tal-1948. Ingħad "prevalenti" għaliex dan il-prinċipju hekk enunċjat ma ġiex dejjem segwit mill-ġurisprudenza. Hekk, ġie ritenut min-naħa li min jixtri biljett tal-Lottu tal-Gvern għandu d-dmir li jara li n-numri li r-riċevitur jikteb fuq il-matriċi jkunu jaqblu ma' dawk li jikteb fuq il-biljett; u li jekk in-numri jitilgħu u l-premju jintilef minħabba nuqqas ta' din il-korrispondenza l-ħsara tiġi sopportata bin-nofs bejn minn jilgħab u r-riċevitur (P.A. Canta v. Buhagiar 16/1/1929; P.A. Brierley v. Licata 10/12/1932; App. Inf. Gauci v. Ross 11/12/1937, App. Sup. Mifsud v. Bartolo 8/3/1957). Min-naħa l-oħra, ġie ritenut (App. Inf. Scerri v. Demarco 16/12/1929) li n-nuqqas ta' verifika tal-biljett mal-matriċi da parti tiegħu *jikkostitwixxi lill-ġogatur fi*

ħtija mal-Gvern u jipprivah mid-dritt li jirreklama l-vinċita, u mhux ġa' dak li jitlob ir-rizarċiment tad-danni fir-rapporti tiegħu mar-riċevitur.

Illi dina l-Qorti, kif pressieduta, hija tal-fehma li għandha ssegwi l-prinċipju enunċjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell sede inferjuri fl-aħħar sentenza msemmija u li tadotta 'in toto' r-raġunijiet li fuqhom ġie bażat l-istess prinċipju. Infatti, ma hemmx dubbju li l-konvenut huwa fi ħtija, kif hu stess jirrikonoxxi, billi rrilaxxja biljett mhux konformi fin-numri għall-matriċi, u l-kwistjoni li tibqa hija dik li wieħed jara jekk l-attur għandux jiġi ritenut li kkontribwixxa għal dik il-ħtija billi qabel ma rtira l-biljett naqas li jivverifika jekk in-numri ndikati fuq il-bolletta kienux jikkorisspondu ma' dawk traskritti fuq il-matriċi.

Illi r-regolamenti msemmijin 'il fuq huma ntizi li jassiguraw il-ġenwinita tal-vinċiti, u l-inosservanza tagħhom tispiega l-effikaċja tagħha fir-rapporti ma' l-Aministrazzjoni Pubblika li hija awtorizzata li tiċħad il-premju lill-ġogatur li ma jkunx informat bihom. Pero, l-istess regolamenti ma jistgħux ikollhom l-effett li japportaw ebda modifikazzjoni għall-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-"colpa aquiliana". Għall-ħtija tar-riċevitur, inkarigat mil-liġi biex jimla l-biljett, ma jistax jingħad li jkun ikkontribwixxa jew ta' okkazzjoni l-ġogatur bin-nuqqas ta' verifika da parti tiegħu tal-biljett mal-matriċi: dan in-nuqqas jikkostitwixxi fi ħtija l-ġogatur difronti għall-Gvern u jipprivah mid-dritt li jirreklama l-vinċità, imma mhux ġà mid-dritt li jitlob r-risarċiment tad-danni fir-rapporti tiegħu mar-riċevitur;

Illi fil-kas in ispeċie tiġi rilevata din iċ-ċirkostanza, ċioe li l-konvenut naqas li hu jirrikonoxxi li għandu bħala fl-uffiċċju jew banka tiegħu għall-aħjar konjizzjoni u nfor-

mazzjoni tal-ġogaturi r-regolamenti fuq imsemmijin. u partikolarment estratt tagħhom ċioe r-regolament numru 12 ta' l-istess Regolamenti. Dan in-nuqqas da parti tiegħu jkompli jikkostitwixxi lill-konvenut fi ħtija defronti għall-attur.

Illi għalhekk id-domanda ta' l-attur timmerita li tiġi milqugħa.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata fis-sens li tiġi biss konfermata in kwantu akkoljiet id-domanda ta' l-attur għal nofs l-ammont u revokata għall-kumplament bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi dik is-sentenza hi ġusta u timmerita konforma, bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fuq il-fatti m'hemm ebda kontestazzjoni. Huma ġew ammessi mill-ewwel mill-appellant.

Il-kwistjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kienet, u issa hi f'dan l-appell, jekk l-appellant għandux iħallas lill-appellat, bħala danni, l-ammont intier tat-telf tar-rebħa jew kellha nofs dak l-ammont biss.

Qabel xejn għandu forsi jiġi osservat illi l-ġurisprudenza nvokata mill-appellant li oriġinarjament kienet stabbiliet illi f'kasijiet bħal dak prezenti r-riċevitur tal-lottu għandu jħallas biss nofs tad-danni, kienet manifestament ibbażata fuq dak li kien jgħid l-artikolu 757 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 kif kien dak iż-żmien. Dak l-artikolu kien jgħid hekk:

> "If the party injured has by his imprudence negligence or want of attention contributed or has given occasion to the damage and it cannot be determined to what proportion, he cannot claim from others who may have involuntarily contributed to such damage but a sum corresponding to one half of the damage.
>
> When, however, the others or some of them acted maliciously, the portion of the damage which the party injured is to sustain shall be determined by the Court according to circumstances."

Dak l-artikolu pero ġie emendat fl-1938 u l-1939 u issa (bħala art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili) jiddisponi kif ġej:—

> "Where the party injured has by his imprudence, negligence or want of attention contributed or given occasion to the damage, the Court, in assessing the amount of damages payable to him, shall determine, in its discretion, the proportion in which he has so contributed or given occasion to the damage which he has suffered, and the amount of damages payable to him by such other persons as may have maliciously or involuntarily contributed to such damage, shall be reduced accordingly.

Vouldiri, kif inhi l-liġi issa, huwa mħolli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm ħtija kontributorja da parti tad-danneġġjat, li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab, sew jekk id-danneġġjant jew danneġġjanti jkunu kkaġunnaw id-dannu b'sempliċi kolpa jew anki b'dolo, mingħajr ebda regola prestabilita mil-liġi stess li tistabbilixxi l-proporzjon għal nofs jew frazzjoni oħra. Kollox f'kull kaz jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. B'dana kollu, s-intendi, tibqa valida bħala massima prattika ta' bon sens dik li din il-Qorti applikat diversi drabi f'kawżi ta' danni, fis-sens illi "it is a sound rule that when the case is such

that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally."

Iżda biex id-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq ċitata tkun tapplika, jinħtieġ illi jkun jirriżulta illi d-danneġġjat ikun hu n-nifsu kkontribwixxa għad-dannu soffert minnu jew ta' okkażżjoni għal dak id-dannu. L-ewwel Onorabbli Qorti, fuq li skorta tas-sentenza App. Inf. "Scerri vs. Demarco 16.10.1929, irriteniet illi ma kienx hemm ħtija kontributorja da parti ta' l-appellat u din il-Qorti taqbel ma dik il-konkluzzjoni.

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex ma' tistax tilqa l-ilmenti ta' l-appellant, tħoss li għandha tgħid illi, għalkemm każijiet bħal prezenti ġew diġà trattati u deċiżi għal-bażi tar-regoli li jirrigwardaw il-"ċolpa estra-contrattua'i" jew kważi-delittwusa, ġie sollevat dubbju jekk f'każijiet bħal dawn, il-kolpa attribwita lir-riċevitur hix pjuttost kontrattwali. Infatti jista jidher illi bejn l-gjokatur li jixtri biljett u r-riċevitur li jbiegħulu bħala aġent tal-Gvern hemm kuntratt, anki jekk "sui generis", u meta r-reċevitur jonqos li jagħti biljett bin-numri mitluba jew, fl-għoti tal-biljett, jonqos li josserva xi formalita rikjesta għall-validita jew effikaċja tiegħu, jista jidher illi si tratta aktarx ta' inadempjenza kontrattwali milli ta' kolpa hekk imsejjħa "aquiliana". Pero l-Qorti ma jidhriliex illi għall-finijiet tal-każ preżenti għandha bżonn tippronunzja ruħha fuq dan id-dubbju. Hu veru illi, għad li taħt diversi aspetti, il-prinċipji li jirregolaw iż-żewġ speċi ta' kolpa huma l-istess, hemm aspetti oħra li dwarhom il-prinċipji jew disposizzjonijiet tal-liġi huma differenti. Pero, trattandosi ta' kwistjoni ta' kompensazzjoni ta' kolpa, il-prinċipji ma jidhrux li huma sostanzzjalment diversi. Kif dina l-Qorti osservat fil-kawza "Mizzi vs. Cassar et" 5.2.1962. "għalkemm id-disposizzjoni

dwar ir-responsabbilita kontributorja għad - danni qiegħda fir-rubrika tad-"Delitti u Kwazi-delitti", l-istess prinċipju għandu japplika wkoll rigward id-danni kontrattwali. Għaliex id-danni biex ikunu riżarċibbili lill-kreditur jinħtieġ li jkunu kawżati mill-inadempjenza tad-debitur u ma jistgħux jitqiesu li huma hekk kawżati meta jkunu graw, jew fil-misura li jkunu graw, bi ħtija ta' l-istess kreditur."

Issa l-appellant jippretendi illi l-appellat ikkontribwixxa bit-ħtija tiegħu għad-danni li sofra almenu għal nofs. Verament, fit-tieni aggravju dedott fil-petizzjoni ta' l-Appell, hu jidher li jmur oltre u jissuġġerixxi illi proprjament l-appellat ma kellu kontra tiegħu ebda azzjoni. Irraġuni, fil-fehma tiegħu hi, illi r-relazzjonijiet bejn il-ġokatur u r-riċevitur huma regolati biss bil-liġi speċjali u l-liġi ġenerali dwar il-kolpa ma għandu jkollha ebda applikazzjoni. Hu offra li jħallas in-nofs imħabba l-ġurisprudenza prevalenti u mhux għaliex jammetti kolpa tali li tirrendih b'xi mod responsabbli ta' danni lejn l-appellat.

Fuq dan ir-raġonament ta' l-appellant biżżejjed jingħad illi, l-ewwelnett, il-prinċipju tar-responsabilita tiegħu san-nofs ġie ammess minnu in prim' istanza u fuq dik ilparti s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet f'ġudikat. It-tieni nett, il-liġi speċjali u r-regolamenti taħtha japplikaw fil-limiti tagħhom imma bl-ebda mod ma jiskludu l-applikazzjoni tal-liġi ġenerali għal kull kwistjoni l-mhix dixxiplinata bihom u konsistentement magħhom. Dwar dan qatt ma kien hemm ebda dubju jew konflitt filġurisprudenza tagħna.

Għalhekk tibqa biss il-kwistjoni dwar il-kolpa kontributorja da parti l-appellat. L-appellat jagħmel din il-kolpa tikkonsisti fil-fatt illi l-appellat naqas li josserva r-regola-

ment Nru. 12 tar-Regolamenti dwar il-Lotto Receivers maħruġin taħt il-Public Lotto Ordinance (Kap. 110). Dak ir-regolament jgħid illi:—

> "The staker shall ascertain that the numbers staked and the date of the draw are correctly written both on the counterfoil and on the ticket and that they are correctly reproduced on a carbon paper on the interleaf."

Is-sentenzi nvokati mill-appellant oriġinaw mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-kawza "Canta vs. Buhagiar" 16.1.1929 (Vol. XXVII, 11, 171). L-ewwel parti ta' din is-sentenza, għalkemm fiha ma hemmx espressa riferenza, tidher aktarx li kienet ispirata mis-sentenza mogħtija mil-Qorti ta' Palermo fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 1880, fil-kawza "Leto - Di Blasi" li (kif rapportata fil-Coen "Lotto e lotteria" §34) kienet irriteniet illi:

"Il fatto del giocatore che non ha curato d'assicurarsi dell'esatta registrazione della giocata sulla matrice. come gliene farebbe obbligo l-art. 15 del su mentovato decreto (cioe legge 5 Novembru, 1863) non rende inammisibile la di lui azione contro il ricevitore, essendo questa una maggiore garanzia che la legge ha voluto concedere al giocatore, e che non libera il ricevitore dalla sua responsabilita."

Hekk ukoll irriteniet, u qalet kwazi bl-istess identiku kliem; is-sentenza tal-Prim' Awla fuq imsemmija. Iżda mbagħad din is-sentenza kompliet tirritjeni — fil-fehma ta' din il-Qorti bir-rispett kollu, mhux mingħajr ċerta nkonsistenza — illi, billi l-ġokatriċi f'dak il-kaz ma kienetx użat il-prekawzzjoni dovuta skond ir-regolament, biex tevita d-diskordanza hi wkoll kienet ikkontribwit għad-dannu soffert minnha u, kwindi, għalkemm l-azzjoni tagħha

ma kienetx inammissibbli kontra r-riċevitur għar-rizarċiment tad-danni, ir-responsabbilita tiegħu kienet limitata skond l-imsemmi art. 757 Ord. VII ta' l-1868.

Hu evidenti illi biex ikun hemm responsabbilta kontributorja da parti tad-danneġġjat jinħtieġ qabel xejn li jiġi aċċertat illi, da parti tiegħu, kien hemm "kolpa", cioe **ksur ta' obbligu ta deligenza jew prudenza jew attenzzjoni fil-konfront tad-danneġġjant.** Ċertament kieku kull ġokatur jivverifika dak li jgħid ir-regolament kieku dawn l-iżbalji ma jsirux. Iżda dan hu raġonament fih in-nifsu fallaċi bħala kriterju ta' kawżalita (ara App. Ċiv. "Schembri vs. Zammit 15.3.1963). Il-kwistjoni hi **għall-liema skop** ir-regolament jimponi dak l-obbligu lill-gokatur. Issa dik is-sentenza kienet ġa rrikonxxiet u qalet kif ingħad, illi l-obbligu tal-verifika ġie mpost **bħala garanzija akbar** li l-Amministrazzjoni tal-Lottu riedet **tikkonċedi lill-ġokatur** biex hu jista juza l-prekawzjonijiet kontra l-effetti tad-diskordanza "che **fosse a verificarsi tra la bolletta** e la matrice **nelle relazioni tra lui e l'amministrazione medesima."** Dan **għaliex,** l-amministrazzjoni fl-art. **10** tal-Liġi eskludiet 'a priori' ir-responsabbilta **proprja għall-ħlas tar-rebħ** fil-kaz illi n-numri fuq il-biljett ma jkunux jaqblu ma dawk fuq il-matriċi. **Din,** mela, hi s-sanzjoni għall-ksur ta' l-obbligu tal-verifika da parti tal-gokatur: jekk ikun hemm id-diskrepanza hu jitlef **id-dritt li jesiġi l-ħlas tar-rebħ** mingħand l-Aministrazzjoni. Imma dan ma jfisserx illi b'xi mod jimponi obbligu lejn ir-riċevitur jew illi **jillimita r-responsabbilta tar riċevitur** skond il-liġi ordinarja li baqgħet fil-piena effikaċja — kif appuntu jingħad f'dik is-sentenza. Ma jistax għalhekk jingħad illi bin-nuqqas ta' verifika l-gokatur hu responsabbli ta' **kolpa** kontributorja fil-konfront tar-riċevitur.

Hekk ġie ritenut mill-Qrati Taljani b'applikazzjoni ta'

disposizzjonijiet li donnhom bħal dawk tagħna. Hekk il-Qorti ta' l-Appell ta' Milan fil-kawża "Tone c. Finanze 27.1. 1873 irriteniet illi:—

"La negligenza di un ginocatore al lotto, il quale non verifica se le ginocate siano dai rivecitori con precisione registrate, non costituisce colpa compensativa della responsabilita incorsa dal commesso infedele." (Fadda, art. 1151-1152 no. 2376.)

Kif sewwa osserva l-appellat, uffiċċju ta' riċevitur tal-lotto hu miftuħ għal-kulħadd, żgħar, xjuħ, analfabeti, nies ta' vista qasira, eċċ., u min imur biex jixtri biljett għandu dritt jistenna illi r-riċevitur, li qed jirrendi dak is-servizz għall-qliegħ, jaqdi sewwa d-dmirijiet li assuma. Sta bene, una volta li l-liġi espressament tgħid hekk, illi jekk ikun hemm difett, huma ma jistgħux jippretendu r-reċħ minn għand il-Gvern, ankorke ta' spiss il-verifika tal-matriċi da parti tal-gokatur anqas hi faċili jew pratikament possibbli. Iżda ir-rimedju tagħhom kontra r-riċevitur negliġenti, li hu l-kawża effiċjenti u operativa tad-dannu tagħhom, m'hu bl'ebda mod mittifes minn dik il-liġi speċjali.

Imma kieku anki għal-grazzja ta' l-argument kellha tiġi segwita l-ġurisprudenza nvokata mill-appellant, hemm fil-każ preżenti ċirkostanza speċjali li tkompli teskludi l-ħtija kontributorja da parti tal-gokatur. L-istruzzjonijiet tar-Riċevituri jirrikjedu illi huma jkollhom eżibita kopja tar-regolamenti u partikolarment estratt tagħhom cioe r-regolament numru 12 fuq citat. Huwa veru illi hemm prezunzzjoni tal-konoxxenza tal-liġi. Iżda hawn non si tratta illi l-appellat qed jinvoka l-injoranza tal-liġi għal xi ksur tagħha. Si tratta nvece illi l-appellant qed jinvoka in diskolpa tiegħu nnifsu nosservanza ta' prekawzzjoni li appunti biex il-ġokaturi ikunu aħjar informati biha u

jkoħħom l-atenzzjoni tagħhom miġbuda għaliha, l-appellant kellu l-obbligu, in raġuni tal-karika tiegħu li jesibilhom fejn jarawha. Huwa ċar li ma jistax l-appellant jakkampa inadempjenza da parti ta' l-appellat meta hu nnifsu kien b'dan il-mod inadempjenti lejħ.

Għall dawn il-motivi u dawk ta' l-ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellant.